**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**29 ta' Ġunju 2025**


Id-29 ta' Ġunju hu l-jum għażiż tal-festa tagħna li din is-sena qed jaħbat fil-jum tal-Ħadd, il-Jum tal-Mulej: il-jum li fih tassew inħossu l-barka ta' Alla fuq ħajjitna, meta nieqfu mill-ġiri tal-ħajja ta' kuljum u nfittxu li noqogħdu ftit miegħu.

Hekk għamilna kuljum matul in-novena tagħna, u meta nġbarna miegħu fil-Bażilika sabiħa li għandna ddedikata għaliH u għall-għeżież Appostli Pietru u Pawlu: stajna nduqu ftit mill-ġmiel u l-ferħ li jaf jagħtina hu biss.

Fraħna mal-grupp tal-abbatini (28 b'kollox) u lqajna lill-ġodda Adam Said, Levi Muscat u Nicholas Hili; iċċelebrajna bil-kbir flimkien mat-tfal li ġew b'ħeġġa u entużjażmu mill-isbaħ; tlabna għall-familji li għammdu 'l uliedhom din is-sena, u għal dawk li għalqu xi anniversarju speċjali taż-Żwieġ tagħhom; imxejna wara Ġesù Ewkaristija fil-Festa tal-Korpus; imtlejna bit-tama naraw knisja mifqugħa biż-żgħażagħ jitolbu u jkantaw; berikna lil Alla għad-don tas-saċerdozju f'għeluq il-25 sena mill-ordinazzjoni ta' Dun Reuben; inġbarna flimkien mal-anzjani u l-morda tagħna sabiex ma jaqtgħu qatt qalbhom; u fil-jiem tat-Tridu tpaxxejna bil-kelma ta' Mons. Carmelo Refalo li ħeġġiġna nkunu ħaġa waħda fi Kristu bħall-Appostli patruni tagħna Pietru u Pawlu.



Ħa nilqgħu issa x-xbieha devota tagħhom illejla fit-toroq ta' raħalna. Ejjew inħalluhom iberkuna mis-sema u nitolbuhom sabiex ikomplu jgħinuna nixbhuhom fil-ħajja tagħna ma' xulxin, fi djarna u fost triqatna. Il-festa t-tajba lil kulħadd.

*L-Arċipriet Dun Krystof*

**ĦINIJIET TAD-DUTTRINA M.U.S.E.U.M. (subien)**

**Mit-Tnejn 30 ta' Ġunju** nibdew b'xift wieħed. Il-lezzjonijiet (kemm tal-Primarja kif ukoll tas-Sekondarja) ikunu mis-6.45pm sas-7.15pm. Il-grawnd jinfetaħ fis-6.00pm għal tliet kwarti logħob għat-tfal tal-Primarja (*Il-ġenituri tat-tfal tal-Primarja mitluba ma jibagħtux kmieni lil uliedhom għax inkella jispiċċaw jiġru fit-triq)* filwaqt li tas-Sekondarja jkollhom il-logħob wara l-lezzjoni.

---

Nhar il-Ġimgħa 4 ta' Lulju hija l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Filgħodu jkun hawn l-Adorazzjoni li tibda wara l-quddiesa tad-9.00am u tagħlaq bil-quddiesa tal-11.00am; mentri filgħaxija peress li ser ikun hawn tieġ fil-Bażilika, **il-quddiesa tal-5.00pm u s-siegħa tal-Ħniena Divina ser isiru fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù**.

Kif tafu f'dawn il-ġranet **Radju Luminaria** ma setax ikompli jxandar, minħabba xi ħsarat li ġarrabna fl-aħħar maltempata bis-sajjetti. Iżda grazzi għall-għajnuna ta' Victor Attard stajna nkomplu x-xandiriet tagħna għal din il-festa. Ser ikun hemm bżonn ta' aktar tiswijiet li jsiru dritt wara l-festa. Nitolbukom tkunu ġenerużi magħna ħalli nkomplu ntejbu dan is-servizz tant għażiż għalina u għal dawk li ma jistgħux joħorġu minn djarhom.

**Avviż għall-ġenituri tat-tfal li rċevew l-Ewwel Tqarbina**

Infakkrukom li l-ilbiesi jintraddu lura **fit-2 ta' Lulju**, **mill-5.00pm sas-6.00pm** f'Dar San Pietru u San Pawl ta' Triq Diċembru 13. Min għal xi raġuni ma jistax f'din il-ġurnata għandu jibgħat e-mail fuq: nadurparishmxuereb@gmail.com sabiex issibu mument ieħor. Grazzi

F'din il-ġurnata meta ġġibu lura l-libsa qed nitolbukom ġentilment tħallu **donazzjoni għall-ispejjeż** tal-parroċċa marbuta ma' din l-okkażjoni (fosthom ix-xemgħa tat-tfal, il-fjuri, il-kura tal-ilbiesi u x-xiri ta' oħrajn ġodda). Nirringrazzjawkom minn qabel tal-ġenerożità tagħkom filwaqt li nkomplu noffrulkom l-għajnuna kollha tagħna fil-mixja tal-fidi tat-tfal tagħkom lejn il-Griżma.

**Ħin tal-Quddies f'Jum il-Festa tal-Qaddisin Patruni tagħna San Pietru u San Pawl**

**Fil-Bażilika:** 5.30am, 6.30am, 7.30am, 9.00am (Pontifikal Solenni), 11.00am u 5.00pm

**Fil-Kappella tas-Sorijiet Franġiskani:** 7.00am

**Fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù:** 7.00am

**Fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' Kenuna:** 8.00am u 10.00am